**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**

**AVVIŻI** **16 TA' APRIL 2017**

**Sibt il-Għid**

Is-Sibt mis-7:00pm sas-7:30pm ikun hawn il-qrar fil-Knisja Parrokkjali.
Fit-8:00pm tibda l-Quddiesa tal-Vġili tal-Għid il-Kbir li fiha jsir it-tberik tal-Blandun, Qari mill-Iskrittura u Magħmudija ta' trabi.

**Ħadd il-Għid**

Il-Ħadd fil-quddiesa tad-9:15am jitqasmu l-figolli lit-tfal u jsir it-tberik tal-figolli.

**Funeral ta' Anthony Desira**

It-Tnejn 17 ta' April 2017 fis-2:00pm issir il-quddiesa tal-funeral ta' Anthony Desira li għadda għall-ħajja ta' dejjem.

**Bazaar imtella' mill-Għaqda Mużikali Sant'Anna Wied il-Għajn**

Minn għada t-Tnejn fis-Sala San Ġwakkin ser jitella' Bazaar mill-Għaqda Mużikali Sant'Anna. Nistednukom tagħtu titwila.

**Tberik tal-Familji**

It-Tlieta 18 ta' April 2017 inkomplu t-tberik tal-familji. Hija okkażżjoni li s-saċerdot jitlob flimkien mal-membri tal-familja għall-barka u għall-paċi ta' Kristu Rxoxt. It-tberik jibda fl-4:30pm.

**It-Tlieta 18 ta' April 2017**

Triq Dun Frans Bianco, Triq Papa Ġwanni Pawlu II, Triq l-Artillieri u Triq il-Batterija taż-Żonqor

**L-Erbgħa 19 ta' April 2017**

Triq l-Immakulata Kunċizzjoni, Triq il-Blajjiet u Triq Hurd's Bank

**Il-Ġimgħa 21 ta' April 2017**

Triq in-Nagħniegħ, Triq il-Merqtux u Triq Għaxqet l-Għajn

**Għaqda Mużikali Sant'Anna Wied il-Għajn**

L-Erbgħa 19 ta' April 2017 l-Għaqda Mużikali Sant'Anna ser jorganizza *Coffee Morning* mid-9:30am 'l quddiem.

**Festa tal-Ħniena Divina**

Il-Ħadd 23 ta' April 2017 niċċelebraw il-Festa tal-Ħniena Divina. Fil-Knisja ssir siegħa adorazzjoni li tibda fil-5:00pm u l-quddiesa fis-6:00pm.

**Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità**

L-Erbgħa 26 ta' April 2017 ser isir *Coffee Morning* organizzat mill-grupp tal-anzjani tal-Ispiritwalità.

**Aħna s-saċerdoti flimkien mal-Kunsill Pastorali nawgurawlkom l-Għid it-Tajjeb.**
**Waslu l-ferħ ta' Kristu Rxoxt ukoll lil ħutna l-morda fid-djar tagħhom.**

## Awguri u l-Għid it-Tajjeb lil kulħadd.